VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,865, 19 ta' Settembru, 2017
Taqsima B

A.L. 237 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Information and Communication Technology – M.Sc. ICT –taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Information and Communication Technology – M.Sc. ICT – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Information and Communication Technology – M.Sc. ICT - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 73 tal-2009, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

Iż-Żieda tal-ordinament 10 mal-ordinamenti prinċipali

3. L-ordinament 10 li ġej għandu jidħol wara l-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali:

"10. F'każijiet fejn l-applikant ikollu nuqqas ta' għarfien f'oqsma partikolari mhux koperti fil-grad tiegħu/tagħha, il-Bord, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji jew tal-Panel ta' Supervizjoni tal-istudent, jista' jeħtieġ li l-applikant isegwi u jgħaddi minn taqsimiet studju suppplimentari ta' livell 3 jew anqas li għalihom hemm assenjati mhux aktar minn 12-il krettu ECTS."

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinament 10 sa 16 tal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinamenti 10 sa 16 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 11 sa 17.